# Frott it-Talent Imqabbi...

## L-Ewwel Presepju Ħaj fl-Imqabba - 2006



■ Ġie mtellgħa għall-ewwel darba fir-raħal ta' l- Imqabba mis- Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija bejn it- 22 u s- 26 ta' Diċembru 2006 ġewwa l-Binja ta' l-Isptar il-Qadim, bis-sehem kollettiv ta' numru sabiħ ta' żgħażagħ kollha appartenenti tas- Soċjetà Santa Marija.

Il-Binja ta' l-Isptar il-Qadim ġiet ittrasformata f'villaġġ tipiku hekk kif kien fiż-żmien tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. L-attivita' irrikjediet volum qawwi ta' xogħolijiet fuq bini tas-sett, koordinazzjoni ta' l-fuq minn 40 karattru, bini ta' sistemi oriġinali ta' dwal u għażla vasta ta' mużika addattata fost l-oħrajn. Dan kollu sar grazzi għat-talent taż- żgħażagħ involuti.

L-influss qawwi ta' nies li ta' kuljum invada l-Isptar il-Qadim huwa konferma li l-ewwel Presepju Ħaj fl-Imqabba kien suċċess kbir li ser jibqà mnaqqax fl-istorja tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.